MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru. 492/2004

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
PATRICK SCIBERRAS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Patrick Sciberras iben Carmelo u Helen imwielda Sultana, mwieled Peta fit-23 ta’ Frar 1978 u resdienti 541, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita 164478M talli f’dawn il-gzejjer bejn Mejju 2004 u Gunju 2004 ittraffika persuni ta’ l-eta u cIoe lil Marina Morozova u Natalia Genrihovna Stepankevich li huma ta’ nazzjonalita Russa, bil-ghan li dawn il-persuni jigu sfruttati ghall-prosttuzzjoni billi ta’ u/jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuni ohra.

Talli f'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhom, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;
Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' l-imsemmija Marina Morozova u Natalia Genrhovna Stepankevich persuni ta nazzjonalita Russa.
Zamm jew esercita jew kellu sehem ma ohrajn fl-esercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.
Talli bhala is-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Solaire Complex, Block E, Flat 26, Triq il-Hgejjeg Bugibba San Pawl il-Bahar xjentement ta' b'kiri, jre ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni.

Talli sar ricediv b'sentenza moghtja mill-Qorti Kriminali ta' Malta datata 19 ta' Gunju 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 2, 7, u 8 tal-kap 63 u Art 28A u 28G tal-kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal suspended sentence supervision order ghal perjodu ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin u dan taht is-supervizzjoni ta' probation officer.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina Probation Officer ghall-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------